7 ta' Novembru, 1949.

Imhallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Marietta Borg et.

**Rekwiżizzjoni — Retroattività tal-Liġijiet Proċedurali — Delitt — Kontravvenzjoni — Art. 19 (1) tal-Housing Act, 1949.**

*Skond il-Housing Act ta' l-1949, meta persuna li tiġi notifikata b'ordni ta' rekwiżizzjoni tonqos li tikkonsenja lill-Housing Commissioner iċ-ċwievet tad-dar rekwiżizzjonata, il-Qorti tista' f'ċerti każi, tosthom dak ta' inkapaċità fiżika tal-persuna li tkun li tal-*

*her fil-Qorti, u meta l-Housing Commissioner jiċċertifika bil-ġurament li l-każ huwa urġenti, tinnomina ċerti persuni biex jirrappreżentaw lill-imputat oriġinali fil-kawża. Però l-piena ma tingħatax lil dak ir-rappreżentant; imma, għall-finijiet tal-piena, il-kawża tiġi aġġornata sakemm jispiċċa l-impediment ta' dik il-persuna.*

*Il-prinċipju illi d-dispożizzjonijiet ta' proċedura japplikaw retroattivament ma huwiex daqshekk ġeneriku u assolut, f'materja penali, li jista' jingħad li dawk il-liġijiet japplikaw retroattivament bla kwistjoni ta' xejn; imma għandhom din l-applikazzjoni retroattiva dawk il-liġijiet penali ta' proċedura li huma prettament proċedurali biss, u mhux ukoll dawk li huma intimament konnessi mal-meritu tal-kawża. Dawn ta' l-aħħar ma għandhomx dan l-effett retroattiv.*

*Il-ħtija ta' min jonqos li jikkunsinna lill-Housing Commissioner iċ-ċwievet ta' dar rekwiżizzjonata qabel il-promulgazzjoni tal-Housing Act, 1949, kienet kunsidrata bħala delitt; imma bil-promulgazzjoni ta' dak l-Att dik il-ħtija saret kontravvenzjoni. Għaldaqstant id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att ma humiex retroattivi għal każi li nħolqu qabel il-promulgazzjoni tiegħu, meta l-ħtija kienet delitt u mhux kontravvenzjoni; u l-Qorti ma tistax konsegwentement tordna n-nomina ta' rappreżentant għall-persuna mpeduta li tidher il-Qorti u li naqset li tobdi r-rekwiżizzjoni qabel ma beda jseħħ dak l-Att, billi dik ir-rappreżentanza tista' ssir biss f'każ ta' kontravvenzjonijiet.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li l-persuna fiżikament impeduta tiġi rappreżentata fil-kawża; imma billi l-ħtija ta' dik il-persuna oriġinat meta kien għadu ma ġiex promulgat il-Housing Act, il-Qorti ta' l-Appell annullat id-digriet li bih kien ġie mogħti l-ordni ta' dik ir-rappreżentanza, kif ukoll dak kollu li kien sar fil-Qorti t'Isfel wara li ngħata dak id-digriet; u rrinvijat il-proċess lill-Ewwel Qorti biex l-imputata oriġinali tkompli tiġi ġudikata minn dik il-Qorti fl-istat li fih kienet qabel ma ġie mogħti dak id-digriet*

Fuq l-imputazzjoni illi naqset li tobdi l-ordni mogħti lilha mill-Awtorità kompetenti biex tikkunsinna ċ-ċwievet tad-dar nru. 78 Triq il-Knisja, San Pawl il-Baħar, wara li kienet avżata, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta (li b'digriet tagħha tas-26 ta' April 1949, kienet innominat lil

Giuseppe Borg biex jidher minflokha fil-kawża) sabet ħati lil *dan* Giuseppe Borg, ikkundannatu għaxar xelini multa, u *tatu żmien* xahar biex jikkonforma ruħu mal-*liġi taħt* penali ta' 2s. 6d. kuljum f'każ ta' nuqqas;

Sar appell minn Marietta Borg u minn Giuseppe Borg, bħala rappreżentant ta' ommu Marietta Borg u anki f'ismu. *Dan* l-appell ġie estiż anki għad-deċiżjoni preliminari *li kienet* tat dik il-Qorti fit-12 ta' Lulju 1949, li biha rrespingiet l-eċċezzjoni ta' Marietta Borg fis-sens li d-digriet tagħha tas-26 ta' April, fuq *imsemmi*, kien null;

*Hu* ċar li, għalkemm l-appell hu miġjub anki fuq punti *oħra*, sew proċedurali kemm affiċjenti l-meritu, *għandu jiġi* trattat l-ewwel il-pont jekk il-Qorti ta' Isfel setgħetx f'dan il-każ tinnomina lil Giuseppe Borg biex jidher minflok Marietta Borg;

Ikkunsidrat dwar dan il-pont;

Hu veru li skond l-art. 19 (1) *ta'* l-Att II *ta'* l-1949, f'ċerti każijiet, fosthom dak ta' inkapaċità fiżika (kif fil-każ ta' Marietta Borg), jekk il-Housing Commissioner jiċċertifika bil-ġurament li l-każ hu urġenti, il-Qorti tista' tinnomina *ċerti* persuni biex jirrappreżentaw lill-imputat oriġinali. "En passant", jingħad li l-piena ma tingħatax però lil *dan* ir-rappreżentant, imma għall-finijiet tagħha l-kawża tiġi aġġornata sakemm jispiċċa l-impediment. Għalhekk, il-Qorti t'Isfel għamlet *dejjem* ħażin meta irrogat il-piena lir-rappreżentant (*ara* art. 19 (2) *ibidem*);

Issa f'dan il-każ Marietta Borg ma setgħetx *tidher* minħabba li kienet marida, u l-Housing Commissioner iċċertifika b'ġurament l-urġenza tal-każ; imma l-kwistjoni hi "jekk d'na *d-dispożizzjoni* eċċezzjonali ta' l-art. 19 (1) ta' l-Att II *ta'* l-1949 setgħetx *tiġi* applikata *retroattivament għal każ* li oriġina qabel il-promulgazzjoni ta' dak l-Att";

Hu fatt li r-"*requisition* order" ħareġ fit-3 ta' Diċembru 1948, u l-post kellu jiġi kunsinnat "forthwith". Mela l-*kaur* tal-liġi beda miexi dak iż-żmien, jiġifieri qabel it-12 ta' Frar 1949, data li fiha ġie promulgat l-*Att fuq imsemmi*;

Issa l-Attorney General, fit-trattazzjoni skritta ta' dan il-pont, osserva (*ara nota fol.* 25) illi d-dispożizzjonijiet ta' proċedura huma *retroattivi* bla kwistjoni ta' xejn. Il-Maġis-

trat fid-deċiżjoni tiegħu preliminari, impunjata mill-appellanti, ibbaża ruħu fuq l-istess affermazzjoni;

Issa, l-istudji dottrinali juru illi l-prinċipju li l-liġijiet proċedurali japplikaw retroattivament ma hux daqshekk ġeneriku u assolut, f'materja penali, daqs kemm milli jidher, irritenewh l-Attorney General u l-Maġistrat;

L-awturi Chaveau u Helie, fl-opera tagħhom li l-Qrati Maltin dejjem irriferew għaliha, "Theorie du Code Penal", Vol. I, paġ. 19, Bruxelles 1845 — studjaw kif dan il-prinċipju beda jiġi proklamat f'mod assolut, fi Franza, kważi bi żball. F'Jannar tad-disa' sena tar-Republika kienet ħarġet liġi li espressament kienet ordnat effett retroattiv għad-dispożizzjonijiet proċedurali tagħha. Meta hemm fil-liġi, s'intendi, ma jistax ikun hemm kwistjoni. Gara illi, wara dik il-liġi, il-Qrati Franċiżi, bla ebda ġustikazzjoni, kif osservaw dawk l-awturi, bdew jipproklamaw il-prinċipju bħala universalment rikonoxxut, mentri ma kienx tali, u kien hemm biss dik il-liġi partikulari, tant li Qrati oħra Franċiżi eżitaw li jadottaw dak il-prinċipju. Għalhekk Chaveau u Helie birraġun jirrikmandaw li wieħed jeżamina l-kwistjoni fiha nnifisha, bla prekonċett, u bla riferenza bħala awtorità. Huma jgħidu illi l-uniku prinċipju universali u sever hu dak li l-liġi tiddisponi għall-futur, u fil-penal il-liġi tista' tiġi applikata retroattivament biss, "anki jekk hi liġi proċedurali", meta l-imputat jitlob il-benefiċċju tal-liġi l-ġdida. Huma lanqas jammettu d-distinzjoni bejn dak li jissejjaħ "il fondo del diritto" u "la forma del diritto", għaliex igħidu (u lanqas għandhom tort) illi f'materja kriminali l-forma tikkostitwixxi parti ta' l-istess dritt ta' l-imputat, għaliex minnha huwa jieħu d-difiża tiegħu. Jikkonkludu illi n-non-retroattività talliġijiet hi waħda mir-regoli eterni tas-soċjetà, u li għaliha ma jistax jiġi derogat lanqas f'materja proċedurali, f'sedi kriminali, ammenokké dan ma jsirx bil-kuntentizza ta' min ikun imputat;

L-awtur Taljan Zuppetta (Corso Completo di Diritto Penale Comparato — Vol. II, pag. 135, Napoli 1871) jikkondividi l-opinjoni ta' dawn iż-żewġ awturi, u jgħid enfatikament:— "Le ragioni presentate mi fanno sempre più abominare quella massima inconsiderata che le leggi di procedura si impos-

sessano degli atti nello stato in cui li trovano. Nelle materie penali questa massima è iniqua, quando la legge novella, per norma generale, imprenda a dirigere questa o quell'altra classe di azione in modo più rigoroso dell'antica liturgia. È iniquissima poi, quando, in odio di qualche singolare azione, o di qualche particolare individuo, la legge novella imponga un *rito di rigorosa eccezione*";

Awturi Franċiżi oħra jsostnu li l-liġi proċedurali, anki f'materja penali, hi dejjem retroattiva (ara Rauter, Traité de Droit Criminel, para. 8 in nota, Bruxelles 1837; u ara wkoll Legraverend, *Traité de legislation criminelle*, Vol. III, pag. 28 e seg. Parigi 1816);

Din il-Qorti hi inklinata tadotta, kif qiegħda tadotta, it-teorija eklettika propunjata minn Nypels (ċitat fix-Chaveau u Helie, *nota 1 no.* 56, pag. 21), mill-Merlin (Repertoire, v. Effect Retroactif, sez. III, para. 8) u mill-Crivellari (Il Codice Penale, Vol. I, pag. 125), fis-sens li, kwantu għall-kwistjoni *tar-retroattività tal-liġijiet penali ta'* proċedura, jeħtieġ li wieħed jiddistingwi bejn dawk il-liġijiet li huma prettament proċedurali, ċjoè ta' vera u proprja proċedura, b'mod li jkunu fattur "ordinatorium litis" biss, u dawk li huma intimament konnessi mal-"fondo della causa", b'mod li jkunu fattur "decisorium litis". Dawk ta' l-ewwel japplikaw retroattivament; l-oħrajn ma għandhomx dan l-effett;

Issa, fil-każ preżenti hemm diġà dubju serju jekk il-provvediment tar-rappreżentanza ta' l-imputat, sanċit mill-art. 19 (1) ta' l-Att fuq imsemmi, hux provvediment proċedurali prettament tali biss; għal żewġ raġunijiet li huma dawn:—(a) Fis-sistema tal-liġi Maltija ma hemmx il-ġudizzju "in absentia", jew "in contumacia", fil-kriminal, tant li l-eċċezzjonijiet huma rari (art. 414 (7), 414 (4), 449 (2), 588, 645 (1) — Kap. 12). Dan ifisser li l-imputat għandu l-jedd li *jkun preżenti fl-istadji kollha tal-proċess tiegħu, biex jista'* jsegwi l-proċess, jikkonferixxi mad-difensur dwar dak li jinqala', u jikkontrolla l-provi. Kif jidher, il-kwistjoni ma hijiex sempliċement waħda ta' *forma*, imma hu l-*każ* li wieħed jirripeti l-kliem ta' Chaveau u Helie illi l-forma tista' talvolta tikkostitwixxi parti mill-istess dritt tad-difiża. (b) Dina l-

konsiderazzjoni takkwista forza akbar meta wieħed jirriflètti illi l-Kodiċi Kriminali ammetta li "fuq talba tad-difiża", u biss "fil-kontravvenzjonijiet", jista' jidher ħadd ieħor minflok l-imputat (art. 386 (b) Kap. 12);

Issa, il-każ ta' Marietta Borg twieled fi żmien meta reat bħal dak lilha imputat kien delitt, għaliex hu reat taħt l-Emergency Regulations, u għalhekk issa qiegħda tintalab l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi li bdiet biex iddikjarat reat simili kontravvenzjoni (art. 18); u fil-kontravvenzjonijiet, għad-differenza tad-delitti, hi bżżejjed il-volontarjetà; u mbagħad imponiet (apparti u malgrado l-volontà tad-difiża). ir-rappreżentanza ta' l-imputat. Għalhekk liġi li qiegħda tbiddel ix-xorta tar-reat, u li qiegħda timponi dak li qabel għad-delitt ma kienx jeżisti u li għall-kontravvenzjonijiet kien fakoltativ, u li qiegħda tippriva l-imputat milli jassisti personalment għall-proċess tiegħu u jikkontrolla l-provi, kontra l-prinċipju ġenerali tas-sistema kriminali Malti, li ma jridx il-proċess "in absentia", appena tista' tissejjaħ liġi prettament proċedurali, għaliex hi wisq konnessa mad-dritt tad-difiża ta' l-imputat;

Iżda apparti dan, mhux talli fl-Att II ta' l-1949 ma hemm xejn li jirrendi d-dispożizzjoni ta' l-art. 19 (1) espressament retroattiva (ħaġa li kienet tittronka kull kwistjoni dottrinali), imma anki l-kliem tal-liġi, rettament interpretati u kombinati ma' l-artikoli relativi ta' qabel, huma tali li jeskludu dina r-retroattività, b'mod li, apparti d-dubju dottrinali, il-kliem stess tal-liġi jirrendu anti-ġuridika l-applikazzjoni retroattiva ta' dak l-artikolu;

Infatti, l-art. 18 (immedjatament qabel l-artikolu in kwistjoni) igħid li "any offence under this Act, or under any order or regulation made thereunder............." Fid-diversi sottosezzjonijiet tiegħu dan l-art. 18 ikompli jirriferixxi għal "offence under this Act", jew għal "proceedings under this Act". U mbagħad jiġi l-art. 19, li jibda proprju bil-kliem "When the alleged offender............" Hu ċar li "offender" hu dak li jikkommetti "an offence under this Act or under any order or regulation made thereunder............" Kienet tkun interpretazzjoni sfurzata kieku wieħed kellu, malgrado l-konkatenazzjoni ta' artikolu ma' ieħor, f'daqqa waħda jab-

bandunа s-sekwenza loġika, u jgħid li l-kliem "alleged offender" jirriferixxu wkoll għal "offender" li kieer il-liġi ta' qabel;

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni li l-art. 19 (1) ta' l-Att II ta' l-1949 ma setax jiġi applikat f'dana l-każ, li ma hux każ ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1949, jew ta' ordni jew regolament maħruġ bis-saħħa tiegħu, imma każ ta' reat taħt il-liġi ta' qabel;

Irriflettiet;

*Illi minn dak li ntqal hu ċar li kull ma sar fil-Qorti* Inferjuri mid-digriet tas-26 ta' April 1949 'l hemm, inkluživament, kien *null*;

Illi każ simili ma hux espressament regolat mill-art. 440 (1) Kap. 12, imma b'analoġija, u *anki b'rispett* għall-prinċipju ta' l-eżami *doppju*, il-kawża għandha tkun rinvijata lill-Qorti Inferjuri;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiddikjara null id-digriet tal-Qorti ta' Isfel mogħti fis-26 ta' April 1949, u nulli l-attijiet kollha proċedurali ta' wara, inkluža s-sentenza appellata, u terġa' tqiegħed l-imputata *Marietta Borg* fl-istat li *kienet proċeduralment* qabel ma ġie mogħti d-digriet tas-26 ta' April 1949. Tordna li l-kawża tiġi *rinvijata* lill-Qorti ta' Isfel flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza;

U b'hekk ipprovdiet fuq dan l-appell.

---